MELLIEĦA

MINUTI

**KUNSILL LOKALI TAL-MELLIEĦA**

**IS-SEBA' KUNSILL**

SEDUTA NRU. 96

28 ta' Mejju 2018

Minuti tas-seduta Nru. 96 tal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, f'Numru 126, Triq il-Mitħna l-Ġdida, Mellieħa, nhar it-Tnejn, 28 ta' Mejju 2018 fis-6.00 pm.

## Attendenza u qari ta' ittri ta' apoloġiji

Il-Kunsillieri kollha kienu preżenti.

Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono rreġistra l-minuti, filwaqt li s-seduta ġiet trażmessa direttament bl-internet.

## Talba

It-talba ntqalet mis-Sindku J. Buttigieg.

## 1.1. Minuti

1.2. Il-minuti tas-seduti Nri. 95 tas-2 ta' Mejju 2018, ġew approvati u ffirmati mingħajr emendi. Kien hemm qbil li dawn għandhom jiġu ppubblikati fis-sit elettroniku https://localgovernmentcms.gov.mt/en/lc/Mellieha/Pages/Publications/Minutes.aspx

## 2.0. Materji Mqajma mill-Minuti

## 2.1.1. Spejjeż ta' ivjaġġar marbuta mal-Proġett *Small Markets at the Heart of the European Economy* (P/10/25)

2.1.2. Is-Sindku rrefera għall-aħħar konferenza li saret f'Casalborgone fl-Italja bejn is-16 u l-21 ta' Mejju 2018, fis-sensiela ta' ħames konferenzi, parti mill-proġett imsemmi. Is-Sur J. Buttigieg qal li din kienet organizzata tajjeb, fejn kull delegazzjoni għamlet preżentazzjoni. It-tema tal-konferenza kienet *"The Assistance and Need of Small Markets"*. Huwa qal ukoll li fuq inizjattiva ta' organizzazzjoni li tippromwovi tmexxija sostenibbli, magħrufa bħala Città del Bio, ġiet iffirmata *letter of intent* li fiha hemm elenkati serjè ta' miżuri li jistgħu jiġu addottati mill-imsieħba fil-proġett sabiex jilħqu dan il-għan. L-ittra bid-data tad-19 ta' Mejju 2018, ġiet iffirmata mid-delegati tal-Comune di Casalborgone, Aquaviva delle Fonti, u l-Muniċipalitajiet ta' Amata, Cugir, Vecpielbalga, Parguaja, Suwalki, u l-Mellieħa.

2.1.3. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini qalet li issa l-proġett jinvolvi konferenza stampa li trid issir fid-19 ta' Ġunju 2018 u l-produzzjoni ta' DVD.

**2.2.1. Postijiet għaż-żamma ta' karrijiet użati għall-ġarr ta' opri tal-baħar (X/1/5)**

2.2.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 2.8.1. tas-seduta ta' qabel dwar it-tqegħid ta' karrijiet fil-perjodu tas-sajf. Is-Sur J. Buttigieg għarraf li ser issir laqgħa mas-Sur W. Spiteri s-Supretendent tal-Pulizija tad-Distrett u s-Sur P. Pollacco mit-taqsima tal-infurzar ta' Transport Malta. Issa huwa importanti li jiġu stabbiliti l-postijiet alternattivi fejn jitpoġġew il-karrijiet kollha bil-għan li l-moll jintuża minn dawk il-karrijiet li jinġiebu għall-ġurnata. Issa għalhekk ikunu jistgħu jitwaħħlu notifiki fuq il-karrijiet li jitħallew fuq il-moll.

2.2.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**2.3.1. Arranġmenti tat-traffiku fi Triq il-Kappella tal-Militar (T/3/2/Vol XV)**

2.3.2. Il-Kunsillier A. Brincat Stellini rreferiet għall-minuta 4.11.1. tas-seduta ta' qabel u kkummentat li s-sistema tal-*one-way* li tinvolvi Triq il-Kappella tal-Militar, Triq il-Manikata u Triq in-Naħħalija jeħtieġ li tiġi sorveljata aktar peress li qed ikun hemm konġestjoni ta' traffiku fi tmiem-il ġimgħa.

2.3.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li din is-sitwazzjoni qed tirriżulta minħabba li d-direzzjoni tat-traffiku approvata minn Transport Malta hija kontra l-arloġġ, u għalhekk qiegħed ikun hemm qsim tal-karreġġjata fi Triq Għajn Tuffieħa ma' Triq il-Kappella tal-Militar.

**2.4.1. Studju Nazzjonali fuq il-Prevalenza tan-Nuqqas ta' Smigħ fost l-Adulti (M/8/Vol VI)**

2.4.2. Il-Kunsillier J. Attard irrefera għall-minuta 2.3.1. tas-seduta ta' qabel u għarraf illi fit-22 ta' Mejju 2018, huwa flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv iltaqgħu mas-Sur Nicholas Desira mid-ditta OK Medical. Mill-istess laqgħa rriżulta li l-i*screening* fil-Mellieħa jista' isir fis-Sala tal-Kunsill bejn is-26 ta' Novembru 2018 u s-7 ta' Diċembru 2018 f'ħinijiet li wieħed anke jkun jista' jattendi wara x-xogħol.

2.4.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**2.5.1. Sewqan perikoluż fi Triq Ta' Masrija (T/3/2/Vol XV)**

2.5.2. Il-Kunsillier E. Bartolo rrefera għall-minuta 4.5.1. tas-seduta Nru 95 dwar talba li saret mis-Sur Patrick Gatt sabiex isiru *speed humps* fit-triq imsemmija, qrib Triq it-Tgħam. Huwa qal li s-Sur Gatt qed isostni li t-tqegħid ta' *U-barrier* mhux biżżejjed biex iżżomm vetturi mill-jitilgħu fuq il-bankina.

2.5.3. Is-Sindku kkummenta li huwa qed jistenna li l-arranġamenti tat-traffiku f'dik il-parti ta' Triq Ta' Masrija jitbiddlu minħabba l-iżvilupp li għaddej f'din iż-żona, u għadaqstant ikun għaqli li wieħed jistenna.

2.5.4. Il-Kunsill qabel li din il-materja għandha tkompli tiġi diskussa fis-seduta li jmiss.

## 3.0. Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

**3.1.1. Nuqqas ta' dawl fi taraġ ta' Triq Adenau (E/1/3/Vol IV)**

3.1.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini rreferiet għad-diskussjoni li kien fis-seduta 87 tat-18 ta' Diċembru 2017, meta kien ġie miftiehem li ssir lampa ma' "Viewpoint Apartments" li jinsabu fi Triq Adenau kantuniera ma' Triq Snajjin. Wara li ġie stabbilit li mhux possibbli jitwaħħlu *cables* mal-bini msemmi, hija staqsiet x'inhija l-possibiltà li titwaħħal lampa li taħdem bl-enerġija mix-xemx.

3.1.3. Is-Segretarju qal li dawn it-tip ta' dwal jinvolvu t-twaħħil ta' pannell u batterija, li jirrikjedu spiża biex tmantnihom. Huwa għaldaqstant ipproprona li jkun iktar vijabbli li titwaħħal lampa konvenzjonali billi ssir trinka fit-taraġ sabiex jgħaddu l-*cables* minnha.

3.1.4. Il-Kunsill qabel mal-punt imqajjem skont il-minuta 3.1.3.

### 3.2.1. Infurzar ta' *bye-laws* dwar ikkampjar u *policy* dwar tisjir fil-beraħ (B/5/Vol IV)

3.2.2. Il-Kunsillier J. Gauci rrefera għall-minuta 2.1.1. tas-seduta preċedenti u tenna li jkun għaqli illi l-*bye-laws* 37/2/2017 jiġu emendati fis-sens li t-tisjir fil-beraħ ma għandux jibqa' isir bil-ħatab peress li qed issir ħsara lis-siġar fit-tliet żoni fejn jinħarġu permessi għall-ikkampjar.

3.2.3. Is-Sindku għarraf li l-*Kumitat Ingawduħ u Nieħdu Ħsiebu Flimkien* s'issa ltaqa' darbtejn. Għarraf li kien hemm talba verbali mis-Sur Ivan Abela, f'isem l-Malta Camping and Caravans Association (MCCA), illi wera l-intenzjoni li jkunu rappreżentati fuq l-istess kumitat.

3.2.4. Is-Sur J. Buttigieg għarraf li fit-23 ta' Mejju 2018 membri mill-Għaqda Kaċċaturi u Nassaba Konservazzjonisti Melleħin neħħew ħafna ġebel li kien imxerred biex jitqabbad in-nar fiż-Żona Ċ. Permezz tal-kuntrattur tal-Kunsill tneħħew ukoll *bins* li ma setgħux jitbattlu mill-iskart li kien akkumulat fihom u għalhekk issa fadal il-kontenituri li saru bil-*pallets*, illi faċli jitbattlu.

3.2.5. Il-Kunsillier A. Brincat Stellini rrimarkat illi hija ħaġa ferm pożittiva li l-MCCA ikollha sehem l-isforzi li qed isiru favur l-indafa, madankollu huwa importanti li l-membri tagħha ma jkollhomx l-esklussività fl-użu ta' dan il-post għall-ikkampjar.

3.2.6. Is-Sur J. Buttigieg qal li wara d-dħul fis-seħħ tal-*bye-laws* 37/2/2017, huwa mportanti li jkun hemm infurżar kostanti li jinkludi ż-żoni tal-ikkampjar flimkien mal-bajjiet tal-Mixquqa u l-Għadira, skont l-esiġenzi tal-istaġun. Huwa kkummenta wkoll li l-*bye-laws* qed jirrendu s-sostenn finanzjarju biex ikun jista' dan.

3.2.7. Il-Kunsill qabel li għandha ssir talba lill-LESA sabiex jingħata servizz ta' infurzar mill-Uffiċjali tal-Komunità għall-perjodu ta' erba' siegħat fil-ġimgħa fi ġranet u ħinijiet li dan ikun l-aktar effettiv.

### 3.3.1. Baġits allokati mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali għat-tindif (F/1/29)

3.3.2. Il-Kunsillier J. Gauci rrefera għal-laqgħa li saret mas-Segretarju Parlamentari responsabbli mill-Kunsilli Lokali l-Onor. Silvio Parnis li saret fis-7 ta' Mejju 2018. Huwa fakkar li l-Onor. Parnis għamel enfasi fuq d-dover tal-Kunsilli Lokali li jżommu livelli aċċettabbli ta' indafa billi jutilizzaw il-fondi li jallokalhom il-Gvern Ċentrali għal dan il-għan.

3.2.2. Is-Segretarju wieġeb li l-allokazzjoni finanzjarja mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali f'dak li jirrigwarda tindif ta' postijiet pubbliċi hija kif ġej:

| | |
|---|---:|
| Parki u Ġonna | €33,858 |
| Latrini Pubbliċi | €31,758 |
| Knis ta' Toroq | €119,473 |
| Tindif ta' Toroq Rurali | €66,368 |
| Immaniġġjar tal-Iskart | €261,711 |
| Hlas mitlub mill-WasteServ għar-rimi tal-iskart | €64,081 |

### 3.3.1. Proġett fiż-żona Ta' Masrija u t-teħid ta' parti mill-*Bypass* - Triq Lewis Wettinger (P/5/1/Vol IV)

3.2.2. Il-Kunsillier E. Bartolo rrefera għall-ħajt ta' mas-*service road* li nbena riċentement fuq ir-riħ ta' Triq.Lewis Wettinger. Huwa staqsa dwar jekk il-Kunsill kienx infurmat bit-twaqqiegħ u l-bini mill-ġdid tiegħu aktar 'il ġewwa mil-linja oriġinali.

3.2.3. Is-Sindku wieġeb fin-negattiv.

### 3.4.1. Manutenzjoni meħtieġa fiċ-Ċimiterju Omm il-Ħniena (C/7)

3.4.2. Il-Kunsillier J. Attard aċċenna li x-xatba taċ-ċimiterju msemmi iddeterjorat tant li hija perikoluża u għaldaqstant għamel kuntatti mad-Dipartiment tas-Saħħa Ambjentali sabiex tittieħed azzjoni biex jitneħħa l-periklu anke proviżorjament..

3.4.3. Is-Sindku wieġeb li x-xatba hija nkluża fis-sejħa għall-offerti li ser toħroġ mis-Sovrintendenza tas-Saħħa Pubbliku.

## 4.1. Tqegħid ta' Karti

- Skeda ta' Infieq permezz tal-*Petty Cash* – 17/04/18 – 09/05/18
- Skeda ta' Infieq permezz tal-*Petty Cash* – 10/05/18 – 26/05/18
- *Purchase Request Form* – 02/05/18;
- Skeda ta' Pagamenti – 28/04/18 – 26/05/18;
- Skeda ta' Korrispondenza li waslet; u
- Skeda ta' Korrispondenza li ntbagħtet.

## 5.0. Korrispondenza u komunikazzjoni mis-Sindku

### 5.1.1. Tqegħid ta' għamara f'Misraħ il-Parroċċa (T/4/10/Vol III)

5.1.2. Sar aċċenn għall-applikazzjoni li saret mal-Awtorità tal-Ippjanar - PA3843/18 - fejn intalab permess sabiex jitpoġġew imwejjed u siġġijiet, flimkien ma' umbrelel, pjattaforma u puġġaman li jiżżarmaw, quddiem boutique hotel f'Nri. 8, 9, 10, Misraħ il-Parroċċa kantuniera ma 4, 5, Triq il-Madonna tal-Għar. It-talba tinvolvi bdil fil-pjanti oriġinali sabiex jinfetaħ bieb fil-livell tal-pjazza mill-*basement* tal-istess lukanda.

5.1.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li konistentement ma' applikazzjonijiet simili li kienu jinvolvu Misraħ il-Parroċċa ma sabx oġġezzjoni għat-talba sakemm:

(a) Il-bankina bejn il-parapett u l-area proposta għat-tqegħid tal-għamara titħalla ħielsa sabiex tibqa' tintuża bħala passaġġ pedonali;

(b) L-għamara kollha, inkluż l-umbrellel għandhom ikunu ta' kuluri li jaqblu mal-ambjent tal-misraħ, kif ukoll titħalla ħielsa minn kull riklami;

(c) L-istess umbrellel għandhom jingħalqu wara nżul ix-xemx;

(d) Umbrellel u/jew tagħmir li jiġġenera sħana għandhom jitpoġġew fil-medda approvata;

(e) Il-Kunsill Lokali, flimkien mal-Pulizija jirriżervaw d-dritt li jneħħu kwalunkwe għamara għal raġunijiet ta' sigurtà u f'okkażjonijiet speċjali;

(f) L-għamara fil-livell ta' Misraħ il-Parroċċa għandha tkun limitata għall-*parking bays* li jiġu preċiżament quddiem il-bini tal-applikant;

(g) L-imwejjed proposti għandhom jitpoġġew direttament fuq wiċċ it-triq mingħajr l-użu ta' pjattaforma, filwaqt li l-bankina titħalla ħielsa minn kull ngombru; u

(h) Ma jinfetħu ebda bibien u passaġġi taħt il-parapett li jinfdu mill-fond tal-applikant fil-livell tal-misraħ sabiex tiġi ppriżervata l-estetika tal-istess parapet u l-misraħ *per se*`.

5.1.4. Il-Kunsill inkariga lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex iressaq il-punti (a) sa (h) lill-Awtorità tal-Ippjanar.

### 5.2.1. *Bus stop* fi Triq il-Kbira faċċata ta' Triq l-Garżella (B/6/Vol V)

5.2.2. Saret referenza għal imejl datat 15 ta' Mejju 2018, mibgħut minn Baron Homes Ltd li qed jiżviluppaw is-siti numru 525 u 526 fi Triq il-Kbira. Dawn qed jitolbu li l-*bus stop* eżistenti jiġi spusstjat minn quddiem l-ewwel u t-tieni villa, peress li dan qed joħloq problemi kemm għas-sidien tal-fondi msemmija, kif ukoll għall-persuni li jkunu qed jistennew hemmhekk. Għaldaqstant qed jitolbu li l-*bus stop* jiċċaqqlaq mingħajr ma speċifikaw fejn.

5.2.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li l-*bus stop* u l-*bus shelter* definittivament hemm ħtieġa tagħhom u għalhekk l-iżvilupp tas-siti msemmija kellu jirrispetta l-preżenza tagħhom. Kien hemm qbil li għandha ssir laqgħa fuq il-post, flimkien ma' uffiċjal mill-Kumitat tat-Traffiku fi ħdan Transport Malta.

## 5.3.1. Trinek fi Triq l-Armier (T/4/17/Vol I)

5.3.2. Saret referenza għal xogħol ta' trinek fi Triq l-Armier, li Enemalta plc assenjaw lill-kuntrattur Rock Cut Ltd. Fin-*no objection* mogħtija mill-Kunsill, meta l-istess kuntrattur kien talab permess (RWP1-0073/17) lil Transport Malta biex jagħmel dan ix-xogħol, il-Kunsill kien ġibed l-attenzjoni li Triq l-Armier ingħatat wiċċ ġdid permezz tal-*public private partnership,* li miegħu hemm marbuta garanżija mill-kuntrattur Central Asphalt Ltd li tiskadi fl-aħħar tal-2020. Għaldaqstant, minn naħa tal-Kunsill kien intalab li x-xogħol isir minn Central Asphalt Ltd. Minkejja dan, irriżulta li l-Enemalta xorta waħda assenjat ix-xogħol lir-Rock Cut Ltd, li minn naħa tiegħu qabbad lill-Central Asphalt Ltd biex jagħmlu l-wiċċ bit-tarmak biss. Permezz ta' imejl datat 22 ta' Mejju 2018, Central Asphalt Ltd qed jikkontendu, li sakemm ix-xogħol tat-trinka u l-mili tagħha ma sarx minnhom, il-garanzija waqgħet u għalhekk mhumiex lesti li jerfgħu r-responsabilità għall-istabilità tat-trinka u l-materjal li mtliet biħ.

5.3.3. Il-Kunsill ġie mgħarraf li fuq parir legali, Enemalta plc għandha tiġi notifikata formalment illi ser tinżamm responsabbli għall-kwalunkwe difett viżibbli li jista' jirriżulta fit-triq, kawża tat-trinka in kwistjoni sa perjodu ta' sentejn wara li jintemm ix-xogħol fuq.

5.3.4. Il-Kunsill approva l-azzjoni proposta.

## 5.4.1. Introduzzjoni ta' Sistema ta' *one-way* fi Triq Dun Franġisk Sciberras (A/6/3/1/Vol 114)

5.4.2. Saret referenza għal imejl datat 2 ta' Mejju 2018 mibgħut mis-Sur Sean Vella Caruana fejn issuġġerixxa li Triq Dun Franġisk Sciberras issir *one-way* 'l isfel fil-parti bejn Triq Franġisk Zahra u Triq Adenau. Ir-raġunijiet wara din it-talba hija l-emissjonijiet li jikkawżaw vetturi li jkunu għat-telgħu, fi triq dejqa ħafna b'bini għoli fuq iż-żewġ naħat tagħha, bħalma hija Triq Dun Franġisk Sciberras.

5.4.3. Ittieħed in konsiderazzjoni li din il-proposta tinvolvi wkoll Triq Sant' Elena li allura trid issir *one-way* ukoll bejn Triq Ġorġ Borġ Olivier u Triq Dun Franġisk Sciberras.

5.4.4. Il-Kunsill kien tal-fehma li l-arranġament propost iżid it-traġitt ta' vetturi fi Triq Ġorġ Borg Olivier li diġa hija mgħobbija bl-ipparkjar ta' vetturi u traġitt ta' vetturi kbar, b'mod partikulari l-karozzi tal-linja. Ġie nnutat ukoll li Triq Adenau ikun jeħtieġ li ssir *one-way* fid-direzzjoni lejn Triq Ġorġ Borg Olivier. Il-Kunsill qies li din il-miżura ċċaħħad lir-residenti fil-parti t'isfel ta' Triq Dun Franġisk Sciberras milli jkollhom aċċess dirett minn Triq Ġorġ Borg Olivier.

5.4.5. Wara aktar diskussjoni, il-Kunsill iddeċieda li għandu jinżamm l-arranġament eżistenti, filwaqt li jsiru tabelli fil-parti ta' fuq tal-idjaq parti ta' Triq Dun Franġisk Sciberras (kantuniera ma' Triq Franġisk Zahra) sabiex jindikaw illi vetturi li jitilgħu għandhom prijorità fuq dawk għan-niżla.

## 5.5.1. Faċilitajiet ta' ħatt u tagħbija fi Triq l-Etna (T/3/2/Vol XV)

5.5.2. Saret referenza għal imejl datat 15 ta' Mejju 2018, mibgħut mis-Sinjura Nathalie Cardona li lmentat mill-faċilitajiet imsemmija, li ġew allokati fi Triq l-Etna qrib il-kantuniera ma' Triq l-Għoljiet. Dan peress li b'hekk tnaqqsu żewġ *parking bays* li kienu jintużaw mir-residenti. Hija pproponiet li l-*Un/Loading Bay* issir quddiem il-ħanut Bottles & Bottles.

5.5.3. Il-Kunsill ħa in konsiderazzjoni li l-*bay* ma tistax tingħata lil negozju wieħed, kif ukoll li ma jagħmilx sens li din tmur quddiem il-ħanut Bottles & Bottles, għaliex hekk ikun ifisser li l-faċilità tkun ingħatat għall-użu esklussiv tiegħu. Apparti dan, il-faċilità ma tapplikax għall-ġurnata kollha, filwaqt li riċentement tnaqqset il-wisa' tal-bankina sabiex inħoloq parkeġġ għal tliet vetturi.

## 5.6.1. Attivitajiet tal-25 Anniversarju mit-twaqqif tal-Kunsill (A/5/3/Vol XIII)

5.6.2. Saret referenza għall-imejl datat 14 ta Mejju 2018 mibgħut mis-Sur Paul Borg, fejn bħala kumpens għax-xogħol li huwa ntalab jagħmel fuq il-lirika tal-*musical* li ser jittellgħa fl-okkażjoni msemmija, huwa talab €1,000, li finalment juża biex jtaffi mill-ispejjeż involuti fil-pubblikazzjon ta' xogħol ieħor tiegħu dwar il-wirt, l-ambjent fiżiku u kulturali tal-Mellieħa.

5.6.3. Il-Kunsill approva l-ħruġ ta' *direct order* lis-Sur Paul P. Borg billi dan mhux każ li jintalbu stimi.

## 5.7.1. *Bus shelter* fi Triq in-Naħħalija (B/6/Vol V)

5.7.2. Is-Segretarju għarraf li huwa kien kkuntattjat mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali dwar il-ħtieġa li jiġi regolarizzat il-*bus shelter* imsemmi, peress li l-ispażju bejnu u t-tarf tal-bankina ma jippermettix li jgħaddi siġġu tar-roti. Għaldaqstant ġie ssuġġerit sabiex issir applikazzjoni minn naħa tal-Kunsill sabiex il-*bus shelter* jibqa' fejn hu u tinbidel biss il-linja tal-bankina.

5.7.3. Il-Kunsill qabel li l-perit tal-Kunsill għandu jintalab iressaq talba mal-Awtorità tal-Ippjanar, kif propost mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali.

## 5.8.1. Faċilitajiet ta' ħatt u tagħbija fi Triq Sammy Bartolo (T/3/2/Vol XV)

5.8.2. Saret referenza għal imejl datat 4 ta' Mejju 2018, mibgħut mill-operatur tas-Solana Hotel, fejn intalab li jiġu allokati l-faċilitajiet imsemmija fin-naħa ta' ġewwa ta' Triq Sammy Bartolo, eżatt fejn is-*service entrance* tal-lukanda.

5.8.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li l-allokazzjoni tal-faċilità mitluba, kemm-il darba ssir mal-qatgħa mhux mibnija, din ċertament ixxekkel l-aċċess minn/għall-garaxx tal-istess lukanda. Kien hemm qbil li tali faċilitajiet m'għadhomx isiru quddiem proprjetà ta' terzi.

## 5.9.1. Tismija ta' triq bejn Triq Salvu Camilleri u Triq il-Fortizza (T/4/1/Vol III)

5.9.1. Inqrat imejl datat 4 ta' Mejju 2018 mibgħut mis-Sur Tyrone Mizzi, fejn ġibed l-attenzjoni li diversi residenti ġew joqgħodu fit-triq imsemmija u għalhekk talab li tingħata isem uffiċjali.

5.9.2. Il-Kunsill kien tal-fehma li dan is-suġġett għandu jitħalla għas-seduta li jmiss.

## 5.10.1. Wirjiet ta' vetturi kollettibbli (A/6/3/2/Vol 74)(A/5/3/Vol XII)

5.10.2. Il-Viċi Sindku D. Vella rrefera għal imejl datat 3 ta' Mejju 2018 mibgħut mill-Federazzjoni Vetturi Antiki sabiex jorganizzaw wirja ta' vetturi antiki f'Misraħ il-Parroċċa fil-Mellieħa nhar is-Sibt 7 ta' Lulju fl-okkażjoni tal-għoxrin anniversarju mit-twaqqif tal-federazzjoni.

5.10.3. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni għall-attività *per se'*, iżda rrakkomanda li din issir f'xi post bħal Selmun fejn il-Kappella. Dan peress li f'Misraħ il-Parroċċa, nhar ta' Sibt filgħaxija jkun hemm domanda iktar minn normal għall-ipparkjar, partikularment waqt il-ħin tal-Quddies.

5.10.4. Is-Sur D. Vella rrefera wkoll għall-minuta 2.7.1. tas-seduta preċedenti dwar wirja simili li ser jorganizzaw kolletturi Melleħin nhar il-Ħadd 10 ta' Ġunju 2108 f'Misraħ il-Parroċċa fil-Mellieħa. Huwa qal li l-Mellieħa Youths esprimew ix-xewqa li dakinhar fl-istess post huma jorganizzaw ukoll attività msejħa Festa Familja bl-armar ta' *stands* tal-ikel.

5.10.5. Il-Kunsill approva t-talba tal-Mellieħa Youths.

**5.11.1. Festival Medjevali f'Agia Napa** **(K/1/5/4)**

5.11.2. Is-Sindku rrefera għal stedina li saret mis-Sindku ta' Agia Napa – Yiannis Karousos – sabiex delegazzjoni mill-Kunsill, flimkien ma' artisti u artiġġjani mill-Mellieħa jieħdu sehem fit-13th Agia Napa Medieval Festival li ser iseħħ bejn it-13 u l-20 ta' Ottubru 2018.

5.11.3. Il-Kunsill innota l-istedina.

**5.12.1. TVM *Road Show*** **(M/3/Vol III)**

5.12.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini aċċenna għal ittra datata 16 ta' Mejju 2018, mibgħuta minn Public Broadcasting Services Ltd, fejn stiednet lill-Kunsill sabiex jospità wieħed mis-sensiela ta' *road shows* li ser jittellgħu waqt li jkun għaddej il-logħob tat-Tazza tad-Dinja tal-futbol. Dan ser ikun ippreżentat mill-koppja DANUSAN. Permezz tal-programm, il-lokalità tingħata prominenza u viżibilità mat-telespettaturi. PBS Ltd qed jitolbu ħlas tal-parteċipazzjoni ta' €600.

5.12.3. Il-Kunsill laqa' il-proposta.

**5.13.1. Tagħmir ta' l-isports fil-Park tal-Familja** **(P/4/6/Vol V)**

5.13.2. Saret referenza għal imejl datat 25 ta' Mejju, mibgħut mit-Tritons Sports Club, fejn talbu l-intervent tal-Kunsill sabiex issir manutenzjoni fuq l-arbli tal-*baskets* li hemm fil-*multi-purpose court*. Intalab ukoll sabiex il-klabb jitħalla jagħmel użu minn kamra oħra li hemm fid-*dressing rooms* u jinfetaħ bieb sabiex titniffed ma' dik li qed tintuża attwalment.

5.13.3. Il-Kunsill qabel li l-kontribut tiegħu għat-tiswija tal-arbli m'għandux jaqbeż €354 mill-ispiża nvoluta. Dwar il-ftuħ ta' bieb, kien hemm qbil li għandu jinkiseb il-parir tal-perit bil-għan li jiġi żgurat li ma ssir ħsara strutturali fil-bini u l-*court*.

5.13.4. Waqt id-diskussjoni fuq dan is-suġġett, is-Sindku kkummenta li għalkemm hemm is-servizz ta' kustodju tal-Park li huwa nkarigat mill-indafa u l-ftuħ tal-post, ma jeżistix kontroll serju fuq it-tmexxija tal-post innifsu. Huwa qal li forsi wasal iż-żmien illi jsir kuntatt ma' SportsMalta bil-għan li hija jkollha faċilitajiet fit-tramuntana ta' Malta u tkun inkarigata mill-manutenzjoni tagħhom.

**6.1. Arranġamenti tat-traffiku fi Triq Ġorġ Borg Olivier u kwestjonarju mill-GRTU - Malta Chamber of SME's** **(T/3/3/Vol V)**

6.2. Is-seduta ġiet sospiża sabiex ikun hemm interventi mis-Sinjuri Paul Abela u Andrew Aquilina, President u rappreżentant tal-GRTU fuq il-Kumitat tat-Traffiku fi ħdan Transport Malta, rispettivament. Tqassam sommarju tal-mistoqsijiet kollha li kienu jiffurmaw parti mis-sondaġġ li sar fost is-sidien tan-negożji ta' Triq Ġorġ Borg Olivier.

6.3. Il-Kunsillier P. Cutajar u s-Sur A. Aquilina għarrfu li mis-sondaġġ irriżulta li:

- 50% wieġbu li huma favur li t-triq issir *one-way* 'l isfel u jibqa' l-ipparkjar ta' vetturi;
- 70% wieġbu li l-karozzi tal-linja ma' jgħaddux mit-toroq ewlenin u minflok issir *minibus* ċirkulari;
- Ħadd ma jaqbel li jitneħħa l-ipparkjar ta' vetturi;
- Kien hemm ftit li jaqblu mat-tnaqqis ta' xi ftit spazji għall-ipparkjar; u
- Kien hemm ftit wkoll illi jaħsbu li l-introduzzjoni ta' *intelliġent traffic light system* issolvi l-problemi ta' konġestjoni.

6.4. Is-Sur P. Abela qal li l-iktar għażla li tidher prattika hija l-introduzzjoni ta' sistema *one-way* 'l isfel, għaliex ir-residenti jonqsilhom ħafna mill-inkonvenjenzi, filwaqt li t-traġitt tal-vetturi

ikun iktar faċli. Huwa kkummenta wkoll li din l-alternattiva tista' tiġi mgħejjuna bit-tnaqqis ta' xi *parking bays*.

6.5. Is-Sindku qal li ftit jiem ilu, fuq inizjattiva diretta ta' Transport Malta twaħħlu tabelli sabiex ma jgħaddux vetturi kbar mit-toroq ewlenin sakemm ma jkunux ser jirrendu xi servizz. Is-Sur A. Scicluna qal li dawn saru wara pressjoni li huwa għamel fuq il-Kumitat tat-Traffiku sabiex jiffaċilità l-infurzar ta' din l-miżura.

6.6. Il-Kunsillier P. Cutajar qal li meta ġiet ippruvata s-sistema tal-*one-way* permezz ta' Triq is-Santwarju u Triq Ġnien Ingraw, Dawret il-Mellieħa kienet magħluqa għaliex kien qiegħed isir ix-xogħol fuqha. Għaldaqstant it-traffiku kollu kellu jgħaddi mit-toroq imsemmija. Huwa aċċenna li fi Triq Ġorġ Borg Olivier ġraw diversi nċidenti fejn korrew in-nies. Huwa staqsa wkoll dwar il-ħtieġa li r-rotot kollha tal-linja jgħaddu mill-qalba tal-Mellieħa.

6.7. Is-Sur J. Buttigieg qal li wieħed irid jara minn fejn ser tibda r-restrizzjoni tal-*one-way*, għaliex ma jixtieqx li l-problema tiġi trasferita f'toroq oħra li huma aktar limitati mill-istess toroq ewlenin. Ġibed l-attenzjoni wkoll li l-istess residenti tal-Mellieħa kienu talbu li r-rotot tal-linja jgħaddu mill-qalba tal-Mellieħa, fosthom ir-rotta X1, li dwarha kien hemm pressjoni biex tgħaddi mill-Mellieħa ħalli taqdi lit-turisti li jkunu jridu jmorru jew jiġu mill-ajru, kif ukoll lill-ħaddiema tal-Isptar tal-Mater Dei.

6.8. Is-Sur A. Scicluna spjega li l-karozzi tal-linja lejn iċ-Ċirkewwa jistgħu jniżżlu l-passiġġieri fil-bidu ta' Triq il-Kbira/Triq l-Iżbark tal-Franċiżi u jkomplu fi triqthom minn Triq Lewis Wettinger u Dawret il-Mellieħa. Iċ-ċirkulari tista' tieħu l-passiġġieri mill-istess post, tgħaddi minn Triq il-Kbira, Triq Ġorġ Borg Olivier, Triq il-Marfa, Dawret il-Mellieħa u Triq Lewis Wettinger.

6.9. Il-Kunsillier J. Azzopardi kkummenta li passiġġier illi jkun ġej minn vjaġġ li jieħu madwar siegħa u kwart, mill-Belt Valletta, l-inqas ħaġa li jkun irid huwa li jerġa' jistenna fuq *bus stop* biex jirkeb iċ-ċirkulari.

6.10. Is-Sindku aċċenna wkoll illi l-Kunsill qed jara li l-parkeġġ taħt l-art ippjanat bħala parti mill-estensjoni tal-Iskola Primarja, jista' jkun ta' benefiċċju għall-pubbliku u l-komunità kummerċjali billi jintuża waqt fil-ħinijiet li l-istess skola tkun magħluqa. Dan billi jinħoloq passaġġ pedonali taħt il-livell ta' Triq Sant' Elena li jiżbokka fi Triq Ġorġ Borg Olivier. Huwa appella għall-appoġġ minn naħa tal-GRTU għal din il-proposta mal-Ministeru tal-Edukazzjoni u dak tat-Trasport.

6.11. Is-Sur P. Abela qal li din l-inizjattiva ċertament tgħin biex il-proġett ikun iktar *cost effective* u minnu tibbenefika firxa akbar ta' nies.

## 7.1. Tħejjijiet għal attivitajiet kulturali (A/5/3/1/Vol XVI)(A/5/5/Vol IV)(A/5/3/5/Vol V)

7.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini qalet li fit-23 ta' Mejju 2018 hija ltaqgħet mal-għaqdiet u ħabbret l-attivitajiet ipprogrammati għal matul is-sajf 2018. Hija kompliet tgħid li l-ewwel waħda ser tkun il-Festa Lejlet San Ġwann tal-Ħġejjeġ li ser issir fl-20 ta' Ġunju 2018. Din ser tikkonsisti minn ilbies tradizzjonali, wirja ta' għodod antiki u tiżjin bil-fjuri. Hija spjegat ukoll li ser ikun hemm wirja minn 39 membru tal-In Guardia li ser jagħti wirjiet ta' dwell bix-xwabel, sparar imbjank, u tattiċi tal-attakk bl-armi. Din il-wirja tkun sponsorjata mill-Awtorità Maltija tat-Turiżmu.

7.3. Il-Kunsill approva l-programm.

## 8.1. Proġett dwar ir-restawr u rijabilitazzjoni tal-Mużew tat-Tunnara fil-Batterija ta' Westreme (P/10/30)

8.2. Is-Segretarju għarraf li permezz ta' ittra datata 8 ta' Mejju 2018, il-Kumitat dwar l-Għażla tal-Proġetti fi ħdan is-Segretarjat Parlamentari responsabbli mill-Fondi Ewropej, talab numru ta' kjarifiċi mingħand il-Kunsill rigward diversi aspetti li jirriżultaw mill-formola tal-applikazzjoni. Dawn, fil-parti l-kbira minnhom ġew imwieġba fit-28 ta' Mejju. Għad hemm

oħrajn li għadha qed tinġabar dokumentazzjoni, li jinvolvi l-Awtorità tal-Artijiet, reviżjoni tal-baġit u l-pjan ta' ħidma tal-Kunsill, *energy rating* tal-proġett eċċ. Hekk kif id-dokumentazzjoni kollha mitluba tkun sottomessa, il-Kunsill jintalab jiffirma ftehim preliminari.

8.3. Is-Sindku qal li l-pass li jmiss huwa li jinħarġu żewġ sejħiet separati dwar ir-restawr tal-batterija u l-attrezzar tal-mużew.

8.4. Is-Segretarju aċċenna wkoll li għadu mhux ċar biżżejjed dwar jekk għandhiex tinħareġ sejħa għall-*contracts management* biex l-ispejjeż tiegħu jkunu eliġibbli għall-fondi Ewropej. Is-Sur C. Debono qal li l-Awtorità ta' Ġestjoni sejħet laqgħa ta' informazzjoni għall-1 ta' Ġunju 2018.

8.5. Il-Kunsill approva l-ħruġ ta' sejħiet separati kif propost fil-minuta 7.3. aktar 'il fuq.

## 9.1. Proġett dwar il-pavimentar ta' Triq l-Inkurunazzjoni (P/4/29)

9.2. Is-Sindku għarraf illi minkejja li l-kuntratt dwar dawn ix-xogħlijiet ilu diversi xhur li ngħata, kif ukoll saret pressjoni fuq il-kuntrattur biex jinbeda x-xogħol, dan baqa' lura milli jagħmel dan, minħabba raġunijiet li ssemmew waqt is-seduta. Is-Sur J. Buttigieg qal ix-xhur ta' Mejju u Ġunju mhumiex addattati biex jinbeda x-xogħol u għalhekk issa ġie postpost għall-Settembru/Ottubru 2018. Kompla jgħid li din is-sitwazzjoni ma tistax tibqa' sejra hekk u għalhekk issejħet laqgħa li ntalbu jattendu għaliha l-konsulenti legali kemm tal-Kunsill kif ukoll ta' L.B.V. Ltd, u l-perit inkarigat sabiex tiġi stabbilita data meta se jibda x-xogħol. Id-data stabbilita għal din il-laqgħa hija s-6 ta' Ġunju 2018.

9.3. Il-Kunsill approva l-azzjoni proposta.

## 10.1. Sejħa għall-offerti dwar id-disinn u l-istampar tal-ktieb *"Mellieħa Through the Tides of Time / Il-Mellieħa mal-Milja taż-Żmien"* (P/4/5/Vol III)

10.2. Is-Segretarju għarraf li d-dokument tal-offerta kien lest biex jiġi ppubblikat, iżda talab li jiġu stabbiliti l-kwantitajiet ta' kotba li għandhom jintalbu fl-erba' verżjonijiet tal-pubblikazzjoni.

10.3. Il-Kunsill qabel li dawn għandhom ikunu hekk:

| **Verżjoni** | **Kwantità** |
|---|---|
| Ingliża *hard bound* | 450 |
| Ingliża *perfect bound* | 300 |
| Maltija *hard bound* | 250 |
| Maltija *perfect bound* | 150 |

## 11.1. Proġett – *KNOTS - Knowledge, Not Scepticism* (P/10/1/Vol IV

11.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini fakkret li l-ewwel attività taħt dan il-proġett issa ser issir f'Castiglione in Teverina fl-Italja bejn it-2 u s-6 ta' Awwissu 2018. Din hija ntenzjonata biex jitniedew sensiela ta' erba' konferenzi, li ser iseħħu fil-Portugal, is-Slovenja, il-Greċja, u fil-Kroazja. Hija talbet lill-Kunsill jinnomina persuni li jistgħu jattendu sabiex jinxtraw il-biljetti tal-ajru bla dewmien u hekk jiġu evitati spejjeż żejda.

11.3. Il-Kunsill qabel li għandha tattendi l-uffiċjal Doriette Fenech Gambin flimkien ma' ma membru elett.

**12.1. Palazz ta' Selmun** **(S/5/1)**

12.2. Il-Kunsillier A. Brincat Stellini rreferiet għall-mistoqsija parlamentari PQ 5617 li saret mill-Onor. C. Bartolo fis-7 ta' Mejju 2018, fejn staqsa lill-Ministru għall-Finanzi sabiex jgħid x'inhuma il-pjanijiet tal-Gvern dwar il-Palazz ta' Selmun. Staqsa wkoll dwar x'tip ta' investiment qed jistenna li jattira u jekk huwiex ser jiġu mposti kundizzjonijiet dwar ir-restawr tal-Palazz. L-interpellant talab li l-Kunsill Lokali tal-Mellieħa jkun involut f'kull stadju tad-diskussjonijiet sa fejn tippermetti l-liġi, kif ukoll jekk jistax jingħata aċċess lill-pubbliku in ġenerali u lill-Kunsill Lokali tal-Mellieħa sabiex dan l-istess bini jkun jista' jitgawda mill-pubbliku. Is-Sinjura Brincat Stellini pproponiet li l-Kunsill jagħmel rappreżentazzjoniet mal-Ministru fuq l-istess linji.

12.3. Il-Kunsill qabel li għandhom isiru rappreżentazzjonijiet mal-Ministru tal-Finanzi skont il-punti mqajma fil-mistoqsija parlamentari, kif ukoll sabiex f'każ li l-art u l-bini tal-lukanda tingħata għall-bejgħ, il-binja tal-Palazz tal-Selmun ma tkunx parti minnu u hekk tibqa' proprjetà tal-Gvern Malti.

**13.1. *Pageant of the Seas*** **(A/5/5/Vol VII)**

13.2. Il-Kunsillier J. Attard għarraf li l-Fondazzjoni Valleta 18 lesta tipprovdi trasport mingħajr ħlas għal dawk li jixtiequ jattendu l-attività msemmija li ser isseħħ fil-Port il-Kbir fis-7 ta' Ġunju 2018.

13.3. Il-Kunsill qabel li għandha tinġabar lista ta' persuni interessati sabiex tiġi mgħoddija lill-organizzaturi ta' dan l-avveniment.

**14.1. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskedi dwar l-Akkwist u tal-Pagamenti**

14.2. Ġiet imressqa *Purchase Request Form* datata 25 ta' Mejju 2018.

14.3. Kien hemm qbil dwar il-ħruġ tal-*purchase orders* kollha skont l-*items* elenkati fl-imsemmija skeda.

14.4. Tressqu wkoll żewġ skedi ta' pagamenti li saru permezz tal-*petty cash* bejn is-17 ta' April u d-9 ta' Mejju u bejn l-10 u l-24 ta' Mejju 2018.

14.5. Tressqet ukoll skeda ta' pagamenti li tkopri bejn it-28 ta' April u s-26 ta' Mejju 2018.

14.6. Il-Kunsill approva l-pagamenti kollha fit-tliet skedi msemmija. Kien hemm qbil li l-Iskeda tal-Pagamenti għandha tiġi ppubblikata permezz tas-sit elettroniku https://localgovernment.gov.mt/en/lc/Mellieha/Pages/Publications/Minutes.aspx

**AĠĠORNAMENT**

Is-seduta spiċċat fl-10:15 pm u ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 18 ta' Ġunju 2018 fis-6.00 pm.

John Buttigieg
**Sindku**

Carmel Debono
**Segretarju Eżekuttiv**